MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Numru 1014/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**

Domenic Cuschieri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Domenic Cuschieri ta’ karta ta’ identita’ numru 712161(M), akkuzat talli:

Fit-3 ta’ Mejju, 2005 ghal habta ta’ nofs inhar gewwa l-Birgu, ikkommetta serq ta’ mobile Sony Ericsson li l-valur tieghu huwa ta’ Lm100 minn vettura Ford Ka numru tar-registrazzjoni JOA319 ghad-dannu ta’ Joanne Farrugia minn Marsaskala, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-Art. 267; 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-istess cirkustanzi sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jippersisti anka wara li l-Qorti tghatu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuza kontra l-imputat titratta telefon cellulari li nsteraq minnu minn vettura li kellha t-tieqa taghha miftuha. Il-valur tac-cellulari skond l-akkuza hu ta' Lm100, b'daqstant illi s-serqa hi kkwalifikata bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

Issa l-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u nkondizjonata. Isegwi ghalhekk illi huwa ghandu jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi b'danakollu l-Qorti mhiex tal-fehma li l-piena gusta ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva kif accennat fil-verbal tas-seduta tal-lum izda tkun aktar effettiva piena li taghti qies ghall-problemi tal-imputat b'tali mod li tassistih jeghleb il-problema tal-vizzju tad-droga li ghandu. Qieset ukoll li l-imputat irritorna c-cellulari.

Rat ghalhekk l-artikolu 261 u tiddecidi li tpoggi l-imputat taht ordni ta' probation bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 466 ghall-perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjoni aggunta kif jissemma fil-verbal tal-lum li ghandu jitqies parti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------